**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR. MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 25 ta' Jannar, 2016**

**Rikors nru: 302/2014 MLF**

**Elmo Insurance Limited**

**vs**

**John Grima**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti, kkonfermat bil-gurament minn Dottor Alessia Zammit McKeon, debitament awtorizzata, esponiet:

1. Illi s-socjeta' rikorrenti pprezentat ittra ufficjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fis-16 ta' Jannar, 2007, liema ittra ufficjali giet debitament notifikata lill-intimat fit-3 ta' Dicembru, 2008 (Dok A);
2. Illi l-istess intimat naqas milli jipprezenta risposta fl-atti tal-imsemmija ittra ufficjali fi zmien stipulat mill-ligi, u cioe' fi zmien tletin gurnata minn-notifika. Ghaldaqstant, fit-3 ta' Jannar, 2009, is-socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditrici versu l-intimati (sic);
3. Illi, sal-lum, l-intimat ghandu jhallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma kumplessiva ta' €1,047.55, rapprezentanti €456.56 bhala sorte, €278.79 bhala imghax mis-16 ta' Jannar, 2007 sal-lum u €312.20 bhala spejjes arrekati sal-lum u dana kollu a tenur tat-titolu ezekuttiv sovra menzjonat;

4. Illi ghalkemm ghaddew aktar minn tlett (3) snin mid-data tal-imsemmi titolu ezekuttiv, is-socjeta' rikorrenti ghad ghandha interess tezegwixxi l-istess titolu stante li l-intimat debitur ghadu ma hallasx il'fuq imsemmi kreditu anke wara l-presentata ta' mandat ta' sekwestru ezekuttiv fil-15 ta' Jannar, 2010 fl-ismijiet premessi (Referenza Numru 6/2010);
5. Illi, in ottempranza ta' dak sancit fl-Artikolu 258 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Avv. Alessia Zammit McKeon bhala mandatarja specjali tas-socjeta' rikorrenti kreditrici ghall-fini ta' dan l-att, qieghda tikkonferma bil-gurament taghha l-kontenut u l-veracita' ta' dak sovra premess;
6. Ghaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti talbet lil din il-Qorti tawtorizzaha tezegwixxi t-titolu ezekuttiv lilha moghti ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet "Elmo Insurance Limited vs. John Grima" (Referenza Numru 292/2007) u dan ai termini ta' l-Artikolu 258 et seq tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, skond l-ordnijiet, porvvediment u/jew direttivi li dan l-istess Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun fic-cirkostanzi.

Rat illi l-intimat gie debitament notifikat permezz tal-procedura kontemplata fl-Artikolu 187(3) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, izda dan nonostante huwa ma deherx ghas-seduta tal-11 ta' Jannar 2016 u lanqas ipprezenta risposta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti u d-dokumenti kollha ezebiti.

Ikkunsidrat:

Skond ix-xhieda ta' Dottor Alessia Zammit McKeon xehdet in rapprezentanza tas-socjeta rikorrent fis-seduta fuq imsemmija u ikkonfermat bil-gurament li l-ammont imsemmi fir-rikors promotur ghadu dovut fl-intier tieghu u li fil-mori ta' dawn il-proceduri, l-intimat ma kien ghamel l-ebda pagament akkont.

Din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni ghalfejn tiddubita mill-veracita tax-xhieda ta' Dr. Alessia Zammit McKeon, li ma giet bl-ebda mod kontradetta.

/

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta rikorrenti, u tawtorizzaha tezegwixxi t-titolu ezekuttiv lilha moghti ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, fl-ismijiet **Elmo Insurance Limited vs. John Grima** (Referenza numru 292/2007, u dan ai termini ta' l-Arikolu 258 *et seq.* tal-istess Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu subiti mill-intimat.

**Magistrat**

**Deputat Registratur**